MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Numru. 385/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexandra Mamo)**

**vs**

**Pierre William Buontempo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Pierre William Buontempo ta' 31 sena, bin Mario u Dorothy Moran, imwieled Attard fis-26 ta' Gunju 1970 u residenti Villa Violetta, Old Railway Track, St Venera u detentur tal-karta tal-identita' numru 311370(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-Gzejjer, f' dawn l-ahhar snin, u cioe' bejn il-perjodu ta' bejn Awwissu 1999 u Jannar 2000, b' diversi

atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda :

a. B' mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Lm10,000 ghad-dannu Rossano Cuschieri u persuni ohra, dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha flus li jammontaw ghal aktar minn Lm10,000 liema flus kienu jappartjenu lil Rossano Cuschieri u persuni ohra, dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju bi ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Mejju 2002 (esebit a fol. 20 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2003 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza

Ikkunsidrat :

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi innominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali kif ukoll bir-reat ta' approprijazzjoni indebita kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Mill-provi rrizulta li fil-15 ta' Jannar 2002 il-parti civili Rossano Cuschieri tramite l-avukat difensur tieghu Dr. Adrian Delia intavola rapport mal-Pulizija fejn allega li l-imputat kien ikkonvincih sabiex jidhol *f'business venture* mieghu sabiex jorganizzaw kuncert jew *festival* tal-muzika internazzjonali gewwa Malta u dan wara li qallu li huwa kellu xi kuntatti f'dan is-sens fir-Renju Unit. Rossano Cuschieri qal lil Pulizija li huwa kien ghadda lill-imputat is-somma ta madwar Lm10,000 bhala *advance payment* sabiex isiru l-kuntatti ma' *managers* ta' kantanti barranin barra minn Malta u sabiex jithallsu il-*flights* tal-kantanti. Rossano Cuschieri qal lil Pulizija li l-*festival* tal-muzika baqa' ma sarx u l-imputat baqa' ma raddx lura il-flus lilu mghoddija.

F'dan il-kaz il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti djametrikalment opposti u l-kwistjoni bazikament hija wahda ta' kredibilta' u cioe' jekk il-Qorti ghandhiex temmen il-verzjoni moghtija mill-parti civili Rossano Cuschieri jew altrimenti dik moghtija mill-imputat li min-naha tieghu jichad li huwa qatt dahal f'xi *business venture* ma' Rossano Cuschieri intiz sabiex jigi organizzat kuncert jew *festival* tal-muzika internazzjonali izda sostna li l-flus lilu mghoddija minn Rossano Cuschieri fil-fatt sar b'self brevi manu.

Ikkunsidrat:

Illi Rossano Cuschieri meta xehed f'dawn il-proceduri qal li huwa kien ilu madwar hames snin jorganizza kuncerti tal-muzika lokalment bil-ghan li jingabru donazzjonijiet ghall-Eden Foundation. Qal ukoll li kien sar jaf lill-imputat li kkonvincieh sabiex jorganizzaw l-ewwel *festival* ta' muzika internazzjonali hawn Malta u qallu li kellu diversi kuntatti tajbin gewwa r-Renju Unit u talbu sabiex jaghtih xi flus bil-quddiem sabiex ikunu jistghu jithallsu l-passaggi tal-kantanti barranin li allegatament kellhom jigu Malta u l-arrangjamenti tal-ivjaggar kellhom isiru tramite il-kumpanija ta' hu l-imputat, u cioe' CVB Services Limited u

fil-fatt fil-15 ta’ Dicembru 1999 sar trasferiment mill-account tal-parti civili ghall-kont ta’ CVB Services Limited fl-ammont ta’ Lm3,500. Dejjem skond Rossano Cuschieri l-imputat ikkonvincih ukoll sabiex imorru r-Renju Unit sabiex jiltaqghu ma xi *Manager* li kien ser jiehu hsieb l-avveniment izda l-imputat qatt ma ghaddielu l-isem tal-*Manager* u meta marru r-Renju Unit ma ltaqghu ma hadd ghaliex l-imputat qallu li l-*Manager* kien ma jiflahx. Rossano Cuschieri esebixxa *business card* li jallega li ghaddielu l-imputat u li suppost kienet ta’ dan il-business manager (esebita a fol. 38).

L-imputat kemm meta rrilaxxja z-zewg stqarrijiet esebiti a fol. 21 sa 23 tal-process kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 93 et sequitur tal-process) dejjem sostna l-istess verzjoni tal-fatti u cioe’ li l-ammont indikat minn Rossano Cuschieri kien gie mghoddi lilu bhal self. Huwa spjega li f’dawk iz-zminijiet kellu problemi finanzjarji konnessi mal-business tieghu fis-settur tal-ivjaggar u Rossano Cuschieri kien issellef xi flus minghand tnejn min-nies, Alfred Borg u Vincent Fenech, sabiex imbaghad jghaddihom lilu. Huwa qal ukoll li huwa beda’ jaqa’ lura fil-pagamenti u meta dawn Borg u Fenech bdew isusu wara Cuschieri u warajh ghall-pagament tal-ammont misluf kienu marru r-Renju Unit ma Rossano Cuschieri u ma certu Dunstan Williams, li ma kellu x’jaqsam xejn mal-kwistjoni, fejn marru fi *scrapyard* gewwa Stratford minn fejn Alfred Borg u Vincent Fenech riedu jixtru xi makkinarju minghand kumpanija bl-isem ta’ Stratford Company Limited sabiex isir tentattiv sabiex jintlahaq ftehim fejn il-makkinarju jintbaghat Malta u l-pagamenti ghall-prezz ta’ dan il-makkinarju ikunu effetwati mill-imputat. L-imputat spjega inoltre li wara certu zmien saret skrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fejn huwa kif ukoll Rossano Cuschieri u Carmvic Buontempo ikkostitwixxew ruhhom bhala debituri ta’ Vincent Fenech (kopja tal-imsemmija skrittura esebita a fol. 55 sa 57 tal-process). L-imputat esebixxa wkoll dikjarazzjoni (Dok. C inserita a fol. 59 tal-process) fejn huwa kien iddikjara li l-flus mghoddija minn Vincent Fenech lil Rossano Cuschieri dan tal-ahhar kien ghaddihom fl-intier taghhom lill-imputat. Din id-

dikjarazzjoni hija ffirmata kemm mill-imputat kif ukoll mill-parti civili Rossano Cuschieri bhala xhud tal-firma tal-imputat. L-imputat inoltre prezenta kopja ta skrittura ohra datata 29 ta' Marzu 2001 (esebita a fol. 62 tal-process) fejn huwa kkostitwixxa ruhu bhala debitur ta' Rossano Cuschieri ghas-somma ta' Lm15,811, liema ammont kien jikkomprendi l-ammont ta Lm10,000 originarjament misluf u l-imghaxijiet fuq l-istess ammont u fejn gew stabbiliti il-modalitajiet tal-hlas u fejn bhala kawtela tad-debitu giet kostitwita ipoteka specjali fuq arja ta' propjeta' li l-imputat kellu gewwa Bugibba. L-imputat spjega li Rossano Cuschieri fil-fatt spicca sabiex talab il-bejgh bis-subbasta tal-imsemmija propjeta' sabiex jigbor l-ammont dovut lilu.

Kif inghad aktar 'il fuq il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti djametrikalment opposti dwar it-tip ta' transazzjoni jew ftehim li sar bejn il-partijiet izda wara li fliet bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-flus indikati fl-akkuza effettivament gew mghoddija lilu mill-parti civili Rossano Cuschieri bhala self brevi manu. Huwa fil-fatt issostanzja dak kollu minnu allegat bi provi dokumentarji, u cioe' iz-zewg skritturi ta' kostituzzjoni ta' debitu imsemmija fil-paragrafu precedenti kif ukoll id-dikjarazzjoni esebita a fol. 59 tal-process fejn gie dikjarat minnu li l-flus mghoddija lil Rossano Cuschieri minn Vincent Fenech effettivament ghaddew ghandu, u cioe' ghand l-imputat. F'dan ir-rigward irid jinghad li mhux biss din id-dikjarazzjoni hija firmata mill-imputat u mill-parti civili Rossano Cuschieri bhala xhud tal-firma izda l-istess Rossano Cuschieri in kontro-ezami ikkonferma li l-firma fuq dan id-dokumemt hija tieghu. Il-Qorti tirrileva inoltre li in kontro-ezami Rossano Cuschieri ghall-ewwel innega li kien issellef xi flus minghand Vincent Fenech u Alfred Borg jew li addirittura kien jaf lil dawn in-nies izda mbaghad wara li gie muri l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu esebita a fol. 55 u 56 huwa ikkonferma li kien issellef il-flus minghand Vincent Fenech izda qal li dan is-self ma kellu ebda konnessjoni ma dan il-kaz.

Il-Qorti tirrileva ulterjorment li issibha difficli temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Rossano Cuschieri anki ghaliex il-business card minnu esebita li huwa jallega li l-imputat ghaddielu bhala l-business card tal-manager ta' kantanti barranin fil-fatt tirreferi ghal persuna li huwa property consultant u inoltre ix-xhieda ta' Dunstan Williams (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 125 u 126 tal-process) tikkorobora il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat fis-sens li dan Williams jikkonferma li waqt l-erbat ijiem li qattghu fir-Renju Unit qatt ma ssemmew xi kuncerti jew festivals ta' muzika u qatt ma ssemma li kellhom jiltaqghu ma xi managers ta' kantanti u dan ix-xhud inoltre jikkonferma li huma kienu marru fi scrapyard gewwa Stratford fejn iltaqghu ma persuna gewwa mobile office u huwa jghid li ra lill-imputat jghaddi xi cekkijiet lil persuna li ltaqghu maghha fil-mobile office.

Il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li sar self bejn il-partijiet u isegwi ghalhekk li ma saret ebda truffa jew approprijazzjoni indebita da parti tal-imputat fil-konfronti ta' Rossano Cuschieri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------